Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 15 ta' Jannar 2024**

**Seduta Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Antonio Pancrazi**
**(230701L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Antonio Pancrazi** ta' 61 sena, detentur tal-karta tal-identita' 230701L.

Akkuzat talli fit-28 ta' Frar 2023 ghall-habta tat-03:10pm f'dawn il-Gzejjer Maltin :

1. Ghamel lil Claire Micolucci ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Art. 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza xi 'network' jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-'network' jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss, u dan bi ksur tal-Art. 48(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz ta' xi 'network' jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) hedded li ser jaghmel xi reat; (b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor u cioe' lil Claire Micolucci biex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontriha, jew immalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamel uzu mhux xieraq bih,u dan bi ksur tal-Art. 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Claire Micolucci, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' jew vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat/a, u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha, u dan ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ukoll li fl-istess seduta l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghat-tieni u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, qed **tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) akkuza** u wara li rat l-Artikolu 48(d) u 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza** u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500).

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 382A il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' sena (1) millum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**